Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fr Joseph Curmi

Vs

360 Group/ 360 Estates

CCT 190/23/MM

Illum, 9 ta' Settembru 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fid-19 ta' Ottubru 2023 fejn talab is-somma ta' elf, mitejn u hamsa u tletin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€ 1,235,74), rapprezentanti l-prezz imhallas ghal appartament li rrizulta mhux kif miftiehem.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimate fejn wiegbet billi sahqet li r-rikorrenti ma kienx accetta dakinhar li dahal gewwa l-appartament li jmur go akkomodazzjoni alternativa jew inkella jkellem lil Booking.com u jikkancella l-booking; ilma kien hemm, is-sodod kien avzat minn qabel li kienu 'folding beds', rigward il-moffa, kif kull persuna taf meta jkun hemm xi ftit ilma li dahal il-hitan Malti jimmarka u jaghmel 'moffa' li Malta mhux kundsidrata bhala problema tas-sahha.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra s-segwenti

Illi ir-rikorrenti xehed bil-gurament tieghu li kien kera post irreklamat li jraqqad ghaxar min-nies u hu kien bi hsiebu jraqqad disgha' min-nies bejn it-18 u l-20 ta' Awissu 2023. Illi meta wasal hemm il-post ma kienx mghammar b'bizzejjed sodod, A/C minnhom ma kienx qed jahdem, A/C iehor kien mimli moffa inkluz il-hajt u l-purtieri tas-shower. Kien hemm zewg bathrooms fejn wahda minnhom ma kienetx tahdem u ghalhekk disa' min-nies spiccaw juzaw bathroom wahda. Ir-rikorrenti jkompli jishaq li minkejja li kien hemm numru ta' kuntatt, hadd ma beda jaqbad u gie kuntattjat lura wara li spicca t-terminu tal-kirja. Huwa jishaq li lanqas ma seta' jikkancella l-post jew ikellem lill-Booking.com ghaliex meta dahal fil-post ma giex offrut din il-possibilita'. Huwaq jishaq ukoll li fl-ebda mument ma gie riklamat li s-sodod kienu folding beds.

Illi hadd ma deher ghas-socjeta' intimata.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi in vista tax-xhieda ampja u l-evidenza provduta mir-rikorrenti inkluz chats u ritratti, a kuntrast tan-nuqqas ta' xhieda provduta mill-intimati, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' t-talba tar-rikorrenti.

DECIDE

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara li qies ic-cirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, it-Tribunal qed jordna lill-intimata tirrifondi lura lir-rikorrenti l-ammont ta' elf, mitejn u hamsa u tletin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€ 1,235,74) fi żmien ġimgħa mil-lum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tal-intimata.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru